MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 343/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josef (Joseph) Sharfid**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Josef (Joseph) Sharfid talli fit-22 ta' Frar 2000, ghall-habta tal-4.30 p.m. gewwa l-Gzira:

a) Ikkommetta serq ta' diversi ghodod li jiswew aktar minn Lm100 izda inqas minn Lm1000, ghad-detriment tal-kumpanija Wurth u Gasan Enterprises Limited, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur;

b) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' radio cassette tal-marka Sony mill-vettura Ford Fiesta li

ggib numru tar-registrazzjoni BOO-002 ghad-detriment ta' Gasan Motors Limited, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

c) Fl-istess lok, um, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jisraq diversi ghodod, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, ghad-detriment ta' Gasan Enterprises Limited, liema attentat ta' serq huwa kkwalifikat bil-valur u mezz;

d) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' oggetti tal-ilbies ghad-detriment ta' Ryan Debattista minn B'Kara, liema oggetti jiswew aktar minn Lm10 izda inqas minn Lm100;

e) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew minn barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

f) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsar jew gharraq hwejjeg haddiehor billi ghamel hsara fuq vettura Ford Fiesta li ggib in-numru tar-registrazzjoni BOO-002 u radio cassette tal-marka Sony ghad-detriment ta' Gasan Motors Limited, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin liri Maltin (Lm50) imma izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10);

g) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 19.1.95, liema sentenza saret definittiva;

h) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla 6, datata 30.3.95, liema sentenza saret definittiva;

i) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'sentenza moghtija mill-Qorti Tal-Magistrati (Malta) Awla 2, datata 23.11.94, liema sentenza saret definittiva;

j) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'sentenza moghtija mill-Qorti Tal-Magistrati (Malta) Awla 4, datata 14.5.96, liema sentenza saret definittiva;

k) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 16.1.98, liema sentenza saret definittiva;

l) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'sentenza moghtija mill-Qorti Tal-Magistrati (Malta) Awla 7, datata 5.2.98, liema sentenza saret definittiva;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-14 ta' Dicembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Josef (Joseph) Sharfid hati tal-hames akkuza u minnha llieratu izda sabitu hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuzi, bit-tielet akkuza assorbita fl-ewwel akkuza, tar-raba', u tas-sitt akkuzi kif ukoll tas-seba' akkuza bl-assorbiment tat-tmien, id-disa', l-ghaxar, il-hdax u t-tnax il-akkuzi fis-seba' akkuza, u, wara li rat l-artikoli 261, 263, 264, 267, 271, 49, 50, 278 u 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal tmintax il-xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Josef Sharfid pprezentat fil-21 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati u tilliberah mill-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija w piena.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens illi ghalkemm ic-cirkostanzi jistghu jwasslu ghall-konvinciment morali, is-*circumstantial evidence* trid tkun univoka u konkordanti u trid tkun ukoll serja. Jghid li l-ewwel Qorti rabtet il-kaz mal-fatt li l-mobile ta' l-appellant instab f'karrozza. L-appellant jenfasizza li huwa cahad li dahal fil-karrozza, ghalkemm qal li kien tilef il-mobile fuq il-post. Semmai, isostni l-appellant, tali prova kellha twassal biss ghal dak li kellu x'jaqsam mal-karrozza u mhux ma' kollox; izda anke hawn wiehed irid jezamina jekk l-ispjega li ta "kenitx attendibbli sal-grad tal-possibbli" (*sic!*), u dan wara li jigi accertat definittivament li kien hemm il-mobile fil-vettura. L-appellant jirreferi wkoll ghall-enfasi li saret fuq il-baskett tal-plastik li kien f'idejh. Jghid li m'hemmx prova ta' *fingerprint* fuq l-istess baskett, u din kienet prova li setghet issir u b'hekk ma ssirx investigazzjoni bl-addocc biex thalli c-cirkostanzi jitkellmu wahedhom.

Minn dan huwa evidenti illi l-aggravju ta' l-appellant jehtieg apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux

addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat mill-gdid il-provi kollha li semghet l-ewwel Qorti sabiex tara jekk dik il-Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni taghha.

Issa, l-appellant, kemm fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija kif ukoll fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti, cahad li kien miss xi haga meta mar ghand Gasan u qal li kull ma ghamel kien li dahal jara jekk il-hanut minn fejn jinbieghu l-i*spare parts* kienx miftuh u meta hareg nduna li kien tilef il-mobile u ghalhekk rega' dahal ifittxu. Il-baskett tal-plastik li kien fih l-affarijiet allegatament misruqin, fl-istqarrija l-appellant jghid li x'hin waslu l-Pulizija, wiehed mill-

haddiema ta’ Gasan qabadlu idu u qeghdulu f’idejh, hu (l-appellant) dahal bih fil-car-park u tah tisbita ma’ l-art. Fix-xiehda tieghu qal li nduna li din kienet xi nasba minhabba l-argument li kellu maghhom ghax ma riedx johrog minghajr ma jsib il-mobile. Dwar is-sejbien tal-mobile fil-karrozza minn fejn kien hemm nieqes l-istereo sostna li dan kien impossibbli, anzi jghid “super impossibbli”.

Pero` l-ewwel Qorti, wara li semghet ix-xhieda *viva voce* u wara li kellha ghalhekk l-opportunita` tqis “l-imgieba, il-kondotta u l-karattru” tax-xhieda, u “jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda” taghhom, “u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz” (artikolu 637 tal-Kap. 9), ikkonkludiet li hemm provi skjaccanti li jwasslu ghall-htija ta’ l-appellant.

L-appellant jissuggerixxi li l-verzjoni tieghu kienet “attendibbli sal-grad tal-possibbli”, izda biex ixejjen il-provi tal-prosekuzzjoni l-appellant kellu jikkonvinci almenu sal-grad “tal-probabbli”, haga li zgur ma rnexxilux jaghmel. Din il-Qorti fil-fatt hija tal-fehma li l-ewwel Qorti mhux biss setghet tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha legalment u ragjonevolment izda hija l-unika konkluzjoni li setghet tasal ghaliha, kif jirrizulta mis-segwenti provi:

**Paul Brincat**, impjegat bhala *handyman/security* ma’ Gasan Enterprises, xehed illi ghall-habta ta’ l-4.30 p.m. l-appellant tfacca fir-*reception* u saqsieh biex jixtri xi parts. Ix-xhud wiegbu li dak il-hin kienu maghluqin u li jergghu jifthu l-ghada wara s-7.15 a.m. Rah idur lura u haseb li kien telaq ‘il barra. Kompla fir-*reception* u fil-5.30 p.m. ippancja l-iskrivan u hareg, rega’ kompla fuq ix-xoghol tieghu u x’hin lesta u kien ser jitlaq nizel certu Censu Calleja mill-istores li ndikalu li kien hemm l-appellant gewwa. Ix-xhud ghajjatlu biex jiftahlu ha johrog u l-appellant qallu li kien tilef il-mobile u dahal fil-garaxx fejn hemm il-*panel beaters*. Qallu biex jigi ghax kien sarlu l-hin biex imur u fl-ahhar iddecieda li johrog. Sakemm ix-xhud dar biex jitfi xi tubi, ma rax lill-appellant aktar. Avza lill-manager, dahal jaghti daqqa t’ghajn u sema’ xi haga taqa’ min-naha tal-*panel beaters* u fil-fatt ra lill-apepllant baxxut

wara karrozza. Ix-xhud ma kellmux izda mar javza lill-manager u ddecidew li jcemplu lill-Pulizija. Sadattant rah hiereg b'baskett tal-plastik b'xi haga fih u li kien qed izommu mill-*handles* u lill-manager qallu li meta l-appellant dahal deherlu li ma kellu xejn f'idejh. Zammewh bid-diskors sakemm waslu l-Pulizija. Ix-xhud insista li lill-appellant ma tah xejn.

**Carmel Camenzuli**, *assistant manager* ma' Gasan Enterprises Ltd., xehed illi fit-22 ta' Frar 2000 ghall-habta tas-6.00 p.m. Paul Brincat qallu li kien hemm xi hadd fil-garaxx u ghalhekk qallu jaghlaq il-*gates* kollha. Huwa cempel lill-Pulizija. Gie dan il-bniedem biex johrog u kellu baskett f'idejh b'xi haga go fih. Bdew ikellmuh u jsaqsuh ghalfejn kien mar hemm u qal li kien mar ifittex il-mobile. Meta ra l-*gates* maghluqin ipprova jiftah izda ma rnexxilux. Waslu l-Pulizija u kif rahom, qabad il-baskett li kien poggut ma' genb il-*gate* u mar bih fil-*workshop*. Dahlu l-Pulizija, ix-xhud u s-surgent marru naha u l-pulizija u Paul Brincat marru naha ohra. Kif is-surgent mar fuqu, rah ipoggi l-baskett ma' genb koklonna u l-pulizija ghajjatlu b'ismu. Wera lill-pulizija fejn kien rah ipoggi l-baskett u go fih kien hemm radio u xi kit tal-football u windscreen suckers. Inoltre sabu vetrina fejn izommu l-*power tools* sgassata u l-*power tools* sabuhom go kaxxa tal-ghodda li kienet giet mislufa lilhom biex itellghu d-daqqiet. Sabu wkoll zewg kaxex tal-ghodda sgassati. It-*tools* sabuhom fir-*rest room* tat-tellara fejn kien hemm kullimkien imqalleb. Ir-radio li kien hemm fil-baskett kienet ta' karrozza li kienet qed tissewwa, BOO-002, li jaghmlu uzu minnha l-familja Gasan. Fl-istess karrozza, wiehed mill-haddiema sab mobile. Il-football kits kienu ta' certu Godwin Debattista.

**Jonathan Coppola** xehed illi meta filghodu dahal ghax-xoghol, gie nfurmat illi xi hadd kien dahal u ha xi affarijiet fosthom stereo. Fil-kamra fejn jahdem Godwin Debbatista ra kollox imqalleb. Fil-karrozza minn fejn insteraq l-istereo sab mobile bejn il-hand-brake u s-seat. Identifika l-mobile bhala d-Dok. SG2 (il-mobile ta' l-appellant) u l-istereo bhala d-Dok. SG7(dak li kien fil-baskett li kien f'idejn l-appellant).

**Godwin Debattista**, foreman ma' Gasan Enterprises, xehed illi fit-23 ta' Frar 2000 dahal fir-*rest-room* u sab hafna taqlib, inkluzi kaxxa ta' l-ghodda b'ghodda li mhux normali tkun f'dik il-kazza. Kien hemm ukoll il-vetrina b'hafna ghodda nieqsa u zewg kaxxi sgassati. Il-kaxxi normalment jithallew fil-vetrina. Il-gurnata ta' qabel kien halla kollox f'postu. Fil-kamra kellu xi hwejjeg tat-tifel li kien hadhom sabiex itihom lil xi hadd iehor ghax kienu jiguh zghar lit-tifel u kull ma sab kienu l-kalzetti. Inolte sab *winscreen suckers* neqsin. Muri d-Dok. SG3 sa SG6 (il-hwejjeg u *suckers* misjuba fil-baskett li kien f'idejn l-appellant) identifikahom bhala l-oggetti li sab nieqsa.

**Ryan Debattista** identifika d-Dok. SG3, SG4 u SG5 bhala l-*kits* li ma kinux jiguh izjed u li missieru, Godwin, kien ha mieghu fuq ix-xoghol biex itihom lil min irid.

**Vince Calleja**, li kien jahdem ma' Gasan fis-sezzjoni ta' l-i*spare parts*, qal li fit-22 ta' Frar 2000 ghall-habta tal-5.30 p.m. 5.45 p.m. kien se jitlaq mix-xoghol meta ra bniedem (li identifika bhala l-appellant) u saqsieh kellux bzonn xi haga. Dan wiegbu li kien tilef il-mobile. Ra s-*security* Paul Brincat, avzah li kien hemm l-appellant gewwa u halla f'idejh.

**P.S. 441 Louis Micallef** xehed illi fit-22 ta' Frar 2000 ghall-habta tas-6.00 p.m. gew infurmati minn Gasan Garage li kien hemm xi hadd li kien qieghed jirrifjuta johrog. Mar fuq il-post u x'hin kien diehel ra lill-appellant dahru lejh u b'baskett abjad f'idejh diehel fil-garaxx. Ix-xhud dar biex jghaddi mill-*workshop* u x'hin l-appellant tfacca ma kellu xejn f'idejh. Saqsieh x'kien ghamel bil-baskett u l-appellant wiegbu "li tah lil Joe ghax mar biex jixtri xi spare parts tal-mutur u la jaf li halla l-mobile warajh, la jaf fuq ir-reception fuq il-counter". Il-baskett tal-plastik fil-fatt ix-xhud qal li sabu mohbi wara l-kolonna mid-direzzjoni li kien gej l-appellant, u kien l-istess baskett li kien rah igorr meta wasal fuq il-post. Fih kien hemm par *windscreen suckers*, xi *sports kit* tat-tfal u radju tal-karrozza.

Ix-xiehda ta' l-impjegati ta' Gasan Enterprises m'ghandhiex ghalfejn ma titwemminx u hemm korroborazzjoni sufficjenti. Hekk, mix-xiehda ta' Paul Brincat u ta' Carmel Camenzuli huwa evidenti illi ma tistax tittiehed bis-serjeta` l-asserzjoni ta' l-appellant illi l-baskett tal-plastik "tqieghdlu f'idejh" mill-persuna li kienet mal-gate. L-agir ta' l-appellant kif spjegat minn P.S. 441 Louis Micallef ukoll jichad kull possibilita` li l-appellant jitwemmen. Difatti kieku verament xi hadd "qieghed il-baskett f'idejn l-appellant", jekk il-baskett ma kienx tieghu kien jitilqu fuq il-post jew jaghmel li jista' biex ma jilqghux f'idejh u mhux izommu f'idejh u jidhol 'il gewwa biex jahbieh. Imbaghad, anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, il-hsieb originali ta' l-appellant kien li jixtri katina ghall-mutur tieghu, jidher li dan il-hsieb malajr inbidel u ma setax jirrezisti t-tentazzjoni li jisraq minn go stabiliment kbir fejn ma kien ghad baqa' kwazi hadd. Il-prezenza tal-mobile ta' l-appellant fl-istess karrozza mnejn insteraq l-istereo u fil-pozizzjoni fejn instab tista' tigi spjegata biss bil-prezenza ta' l-appellant fil-karrozza. L-istereo fil-baskett tal-plastik li kellu f'idejh l-appellant imbaghad jikkonferma li kien l-appellant li qala' l-istereo mill-karrozza. Fid-dawl tal-provi mressqa ghalhekk zgur ma kien hemm l-ebda htiega li ssir il-prova wkoll ta' xi impronta tas-swaba' ta' l-appellant fuq il-baskett imsemmi. L-appellant isaqsi jekk ghandux fi kwalunkwe kaz jehel ta' kollox. It-twegiba hija fl-affermattiv peress illi fl-istess baskett li kellu f'idejh l-appellant kellu *football kits* u *windscreen suckers* li ttiehdu minn fejn instab it-taqlib. Bhalma qalet l-ewwel Qorti, il-provi kontra l-appellant huma "skjaccanti" u konsegwentement is-sejbien ta' htija sejra tigi kkonfermata.

Ghalkemm ma hemm l-ebda aggravju dwar il-piena, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' sew fil-parametri tal-ligi u, ikkunsidrat il-fatt li l-appellant huwa plurimu recidiv, hija ragjonevoli hafna fic-cirkostanzi. Stante li l-appellant huwa recidiv principalment fir-reat tas-serq, din il-Qorti sejra taghmel certi rakkommandazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier u tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi lill-appellant l-ghajnuna ta' psikologu/a u/jew ta' psikjatra sabiex tigi indirizzata dik li tista' tkun problema kronika kif ukoll dik l-ghajnuna li tista' tkun ghadha mehtiega minhabba l-abbuz ta' droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------